in-Nota

Marzu 2010 · Ħarġa Nru: 27

Fuljett maħruġ mill-*Għaqda Korali u Orkestrali 'Maria Bambina'*
91 Triq il-Parroċċa, Mellieħa · Tel. 21521970/27521970 · Voluntary Organisation 0144
Website: http://www.choirandorchestra.org Email: info@choirandorchestra.org

# IL-ĦIDMA TKOMPLI

Is-sena 2009 kienet waħda partikolari għall-Għaqda Korali u Orkestrali 'Maria Bambina'. Kif spjegajna matul is-sena l-oħra, il-proġett tal-bini qabad ritmu tajjeb u llum kulħadd jista jara r-riżultat jekk jgħaddi minn Triq il-Parroċċa. Qegħdin ukoll nippubblikaw ritratti relatati max-xogħol tal-bini f'dan il-fuljett.

Hekk kif tgħaddi l-festa tal-Vitorja u tas-Santwarju, nibdew nippreparaw għall-festi tal-Milied. Pero' qabel dawn il-preparamenti, fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru ħadna sehem fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju u f'Novembru l-kor ħa sehem waqt il-quddiesa organizzata fiċ-ċimiterju Madonna tal-Hniena (tal-Jugoslavi) fejn għandna l-qabar ta' l-Għaqda. F'Diċembru konna mpenjati b'numru kbir ta' servizzi, fosthom il-programm mużikali annwali mtella' fiċ-Ċentru Parrokkjali nhar is-26 ta' Diċembru; l-funzjoni ta' lejliet il-Milied fil-knisja Parrokkjali tal-Mellieħa u kant mill-kor fil-lukanda '*Riu Seabank*'; programmi mużikali mill-kor u orkestra fil-lukandi '*Ramla Bay*', '*Qawra Palace*' u '*Casa Antonia*' f'Ħal Balzan dejjem taħt id-direzzjoni mużikali ta' Mro Kenneth Fenech. Din is-sena kellna l-ewwel servizz mużikali fil-knisja Parrokkjali fil-festa ta' l-Isem Imqaddes t'Alla magħrufa bħala tax-'*Xirka*' nhar il-Ħadd 31 ta' Jannar.



Il-*Junior Choir and Orchestra* wkoll kienu mpenjati bil-programmi mużikali tagħhom. Ħadu sehem nhar il-21 ta' Diċembru taħt it-tinda waqt l-attivita' Milied Mellieħi organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, qabel il-funzjoni ta' lejliet il-Milied fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa, u l-Ħadd 3 ta' Jannar fid-'*Dar il-Madonna tal-Mellieħa*'. Il-*Junior Choir and Orchestra* kienu taħt id-direzzjoni ta' Michael Bonanno u Susanne Bonello.

Fil-15 ta' Jannar ittella' l-kunċert annwali ta' mużika sagra bis-sehem tal-*Vocal Ensemble* u studenti ta' l-Għaqda tagħna taħt id-direzzjoni tas-sopran Rosabelle Bianchi. Din is-sena ħadu sehem ukoll il-*Ventil Horns Quartet* u dan l-istess kunċert reġa' ġie mtella' fil-knisja ta' San Ġakbu l-Belt Valletta nhar id-19 ta' Frar. Ta' min jinnota li dawn huma biss l-attivitajiet prinċipali ta' l-Għaqda. Kemm il-lezzjonijiet ta' l-istudenti, kif ukoll il-provi ta' matul is-sena jibqgħu għaddejjin regolari. Biex dawn l-attivitajiet ikollhom is-suċċess mixtieq, ikun jirrikjedi ħafna koordinazzjoni, ftehim u preparamenti.

Il-membri tagħna taw is-sehem tagħhom ukoll bl-istand ta' l-ikel waqt l-attivita' Milied Mellieħi fejn wara s-suċċess tas-sena l-oħra komplejna din is-sena bil-bejgħ ta' *Chicken and Turkey*. Grazzi speċjali tmur lis-Sur Albert Bartolo u s-Sur Martin Camilleri li flimkien ma' *helpers* oħra ħadu ħsieb it-tisjir kollu ta' matul il-gimgħa. Ta' min isemmi li matul din il-ġimgħa, ħadna sehem ukoll permezz tal-grupp '*Simar*' b'għana u kant folkloristiku, u kif diġa' semmejna bis-sehem tal-*Junior Choir & Orchestra*.

*Artiklu jkompli fl-aħħar paġna...*

# THE BUILDING PROJECT

## One year on...

**Joseph DeBono, President**

We've come a long way since the first stage of the rebuilding of our club which started on the 9th of February 2009. With over 365 tons of rock spoil dug out using hand tools and two wheel barrows, to come to the date the 1st of August 2009 to inaugurate the first stone. We have seen the building now reaching Parish Street, this being the third story from four of our new club. Our members and volunteers helping in the project have been great, the momemtum has not faultered, while some people might think that everything is at a standstill, little do they know that deep downstairs workmen are using their holidays, spare time and staying up late to see our next goal, that being, the return of our young students in a more workable, welcoming club. I must mention the rest of the team that is making this possible, our architect Joseph Attard and the builder Silvio Pace who together with the building committee meet to plan ahead the many ends needed to make this project possible.

Although we are very selective in the way we are spending money collected so far, this building project comes at a very high price, so high that we are calling upon you, the general public, to help us in our quest for a better premises to serve culture in our town. It is with these aims and qualities that I present the Committee, Musical Director, members, teachers, students and friends all coming together to form the Choral and Orchestral Society 'Maria Bambina'.



**Below:** Gaetano Sultana and John Slocombe doing some trenchwork

**Bottom left corner:** Silvio and Neil Pace laying stone work on the facade of the new club building

**Bottom right corner:** Edward DeBono laying traditional Maltese tiles






**Right:** Silvio and Neil Pace constructing a stairway

**Below left:** Savior DeBono and Charles Bartolo re-storing old furnishings

**Below right:** John DeBono pointing traditional stone wall

**Bottom left corner:** Raymond DeBono drilling for communication cables

**Bottom right corner:** Jose' Fenech rewiring electrical works











*Ikompli mill-ewwel paġna...*

Dawn l-attivitajiet kollha saru minnkejja x-xogħol strutturali kbir li għaddej bħalissa bil-proġett tal-bini. Il-faċċata bdiet tiela' u x-xogħol minn ġewwa qed jitlesta wkoll biex il-lezzjonijiet jerġgħu jibdew isiru f'dan il-bini. Dan kollu seta' jsir grazzi għal grupp żgħir ta' voluntiera mmexxija mill-President is-Sur Joseph De Bono, il-Perit is-Sur Joseph Attard u l-bennej is-Sur Silvio Pace li ta' kuljum b'sagrifiċċju kbir jaħdem bla heda biex jaraw ix-xogħol jitlesta.

Dan il-grupp ta' ħaddiema huwa eżempju ħaj ta' nies dedikati li jaħdmu fis-skiet, minn wara l-kwinti u mingħajr ebda daqq ta' trombi. Żgur li din id-tip ta' ħidma hi l-iktar waħda apprezzata speċjalment fiż-żminijiet tal-lum fejn il-ħajja mgħaġġla u ta' konsum sfrenat, sfortunatament saret ir-regola tal-ġurnata. Importanti li volontarjat ta' dan it-tip nibżgħu għalih u nitgħallmu minnu lkoll.

Għalhekk nhar il-Ħadd 21 ta' Marzu se tiġi organizzata '*Open-Day*' id-dar ta' l-Għaqda fejn dan ix-xogħol se jkun jista' jiġi aktar apprezzat mill-viċin. Nistiednu lil kulħadd biex tiġu bil-familji tagħkom u ġġibu lit-tfal ħa jaraw fejn jistgħu jieħdu t-tagħlim mużikali tagħhom f'ambjent ideali. Ejjew u araw b'għajnejkom stess, ix-xogħol ta' kwalita' li sar u li għadu għaddej min-nies dedikati li għandhom għal qalbhom il-kultura u l-arti mużikali fil-Mellieħa u żgur mhux b'inqas, l-Għaqda Korali u Orkestrali 'Maria Bambina'.

---

**Lemin:** 'Vocal Ensamble' u 'Ventil Horns' Quartet waqt kunċert ta' mużika sagra fil-knisja Parrokkjali

**Taħt:** (xellug għal-lemin) Michelle Borg, Carmen Caruana, Eleanor Vella, Albert Bartolo, Martin Camilleri, Annaliza Borg, Vicky Borg, Mary DeBono, Joseph DeBono, Gaetano Sultana waqt 'Milied Mellieħi organizzat mill-Kunsill Lokali

**Taħt, lemin:** Studenti tal-'Junior Choir and Orkestra' fid-dar 'il-Madonna tal-Mellieħa' fit-3 ta' Jannar



# VOCAL CONCERT OF SACRED MUSIC

The Vocal Ensemble within the Choral and Orchestral Society 'Maria Bambina' presented the annual vocal concert of sacred music on the 15th of January 2010 at the Mellieha Parish Church. Led by soprano Rosabelle Bianchi, the Ensemble interpreted a number of works including 'For the Beauty of the Earth' by J. Rutter, 'Ave Maria' by J. Arcadelt, 'Irish Blessing' by Chilcott, 'O Salutaris Hostia' by Rossini; 'O Vous Charmants Bambins' by Tallis; 'God So Loved the World' by Stainer; 'Ave Maria' by Caccini; and 'The Cross Calvary' by Gounod. The Ventil Horns Quartet performed works by G. Rossini; T. Tallis; J. Stainer and Handel. Parish Priest Fr. Karm Mercieca closed the evening with his thoughts regarding sacred music in today's society. The concert was presented in collaboration with the Mellieha Local Council and the Mellieha Parish. This concert was also presented at the St James Church in Valletta on the 19th of February.



